MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2005

Rikors Numru. 636/2004

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**Vs**

**Avv. Martin Fenech u P.L. Mario Mifsud Bonnici nominat bid-digriet tas-27 ta' Dicembru, 2002 bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw il-kumpanija JM Group Limited kumpanija Maltija li l-uniku direttur taghha huwa assenti minn dawn il-gzejjer.**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tar-rikors** li permezz taghha is-socjeta' attrici ippremettiet illi:

Illi fil-bejgh fl-irkant fuq imsemmi mizmum taht l-awtorita' ta' din L-Onorabbli Qorti nhar id-29 ta' Jannar 2004 il-bank esponent xtrat ''animo compensandi'' bil-prezz ta' erba' mija u sitta u ghoxrin elf u tlett mitt lira Maltin (Lm426,300.00c), il-kumpless ta' bini minghajr numru ufficjali jismu ''JM buildings'' li jinsab f'Naxxar Road , Birkirkara.

Ili fl-20 ta' Frar 2004 il-Bank esponent ipprezenta cedola fejn, permezz taghha ikkompensa l-ammont minnu offrut ta' Lm426,300.00c u kontestwalment ipprezenta rikors ghall-approvazzjoni ta' l-istess.

Illi b'digriet tat-22 ta' Lulju 2004, minghajr ma l-esponent gie notifikat bl-oppozizzjoni li saret ghal din it-tpaccija minn Camray Contractors Limited u Megaline (M&E) Ltd, dina l-Onorabbli Qorti, tat id-digriet taghha qabel ma' semghet il-partijiet a tenur ta' l-artikolu 338(3) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap.12) tal-Ligijiet ta' Malta) u ordnat lis-socjeta' rikorrenti jekk jidhrilha tipprocedi skond il-ligi.

Ili qed jigi pprezentat dan ir-rikors biex dina l-Onorabnli Qorti terga' tikkunsidra l-artikolu 338 tal-imsemmi Kap.12. senjatament fejn kellha taghti c-cans lir-rikorrent li jirribatti l-oppozizzjoni hekk maghmula u biex dina l-Onorabbli Qorti jew tapprova l-kompensazzjoni bl-ezenzjoni mill-garanzija, wara li tikkunsidra li kif ser jinghad aktar 'l isfel l-opposizzjoni maghmula hija frivola u vessatorja, a tenur ta' l-artikolu 338(4) tal-Kap.12, jew f'kaz ta' ezitu sfavorevoli ghall-ezenzjoni qabel imsemmija, dina l-Qorti tapprova l-istess kompensazzjoni wara li tkun accettat il-garanzija bankarja ga depozitata;

Illi fil-kaz in ezami huwa car illi l-kummissarju tal-VAT tilef id-dritt li jgawdi privilegg specjali fuq il-propjeta' stante li baqa' ma rregistrax il-privilegg specjali kif inhu rikjest mill-artikolu 2029 tal-Kodici Civili (Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta) kif jirrizulta mir-ricerka hawn annessa (Dok. ''A'').

Dwar dan l-imhallef (irtirat)) Dottor Albert Manche a fol. 25 tad-decizjoni li tah fit-2 ta' April, 2004, fl-arbitragg numru

6/2003 fl-ismijiet ‘’Commissioner of Vat Vs HSBC Bank Malta p.l.c (Dok.’’B’’- anness) qal: ‘’... kif il-legislatur irriferixxa tal-Kodici Civili, fejn ried, kien jaghmel l-istess ghar-rigward ta’ l-artikolu 2029 fuq citat, kieku ried jezenta lir-rikorrent mill-obbligu ta’ l-iskrizzjoni tal-privilegg specjali fuq l-immobbli biex jikkonserva d-drittijiet tieghu.

Illi rigward l-oppozizzjoni ta’ Camray Contractors Limited u ta’ Megaline (M&E) Limited din l-oppozizzjoni (li la ghandhom in-numru tal-kumpanija tar-rikorrent u lanqas l-indirizz ta’ l-avukat u/jew il-prokuratur legali tar-rikkorrent) m’hiex hlief vessatorja stante li huma qed jopponu ghall-fatt li kellhom jinghataw garanzija bankarja biex taghmel tajjeb ghall-pretensjoni taghhom u jezigu li l-Bank jiddepozita Lm426,300) biex jaghmel tajjeb ghall-pretensjoni
taghhom li komplessivament jammonta ghal Lm64,407.72 Camray Contractors Ltd: Lm45,039 (vide Dok.’’C’’) Megaline (M&E) Ltd: Lm6,549 (Vide Dok.’’D’’) u l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud: Lm12,819.72 (Vide Dok. ‘’E’’).

illi noltre r-rikorrent illum huwa konxju ghall-fatt illi sew Camray Contractors Limited kif ukoll Megaline (M&E) Limited m’ ghadhomx kredituri tas-socjeta’ subbastata stante li huma accettaw li saret novazzjonit tal-kreditu taghhom kontra J M Group Limited b’kreditu gdid kontra J.M. Supplies Company Limited meta huma accettaw pagament akkont tal-kreditu mis-socjeta’ subbastata bil-kundizzjoni li l-kumplament tal-kredfitu jkun dovut mis-socjeta’ J.M. Supplies Company Limited - vide Dokumenti ‘’F’’ u ‘’G’’.

Illi f’kwalunkwe kaz il-Bank esponent ga iddepozita, taht l-awtorita’ ta’ dina l-Onorabbli Qorti, garanzija bankarja ghal mitt elf lira Maltija (Lm100,000.00) - aktar mill-kreditu pretiz mill-kredituri l-ohra msemmija fl-atti tas-subbasta precitata, cioe’ il-precitati Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u kemm ta’ Camray Contractors Limited u anke ta’ Megaline (M&E) Limited.

Illi l-kreditu tas-socjeta' esponenti HSBC Bank Malta p.l.c. huwa munit bi privileggi specjali u b'ipoteki specjali numri 1.15936/1998 (ghal Lm50,000), 1.6885/1999 (ghal Lm200,000), 1.6886/1999 (ghal Lm150,000), 1.6887/1999 (ghal Lm70,000, 1.6888/1999 (ghal Lm60,000) kif garantit ulterjorment b'1.9438/2002, 1.6889/1999 kif korrett b'18903/1999 (ghal Lm143,000), 1.6890/1999 (ghal Lm60,000) kif garantit ulterjorment b'19439/2002, 1.887/1999 (ghal Lm80,000,) 1.3418/2000 (ghal Lm75,000), 1.7821/2000 (ghal Lm53,226), 1.8261/2000 (ghal Lm150,000), 1.18203/2000 (ghal Lm100,000), 1.1.12044/2001 (ghal Lm215,000) kif garantit ulterjorment b'1.9440/2002, 1.8005/20002 (ghal Lm150,000), 1.9437/2002 (ghal Lm70,000) ghall-ammont komplessiv ta' miljun, hames mija u sitta u sebghin elf, mitejn u sitta u ghoxrin lira maltija (Lm1,576,226) – Vide l-anness Dokument ''A''.

Illi ghalhekk jidher bl-aktar mod lampanti illi l-oppozizzjoni kemm tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, kemm ta' Camray Contractors Limited u anke ta' Megaline (M&E) Limited huwa frivola u vessorja u in effetti
kull ma ser jigri f'kaz li l-esponent jigi ordnat li jiddepozita l-ammont minnu offrut ta' Lm426,300 hu li l-imsemmija somma tigi depozitata l-Qortt sakemm tinqata' l-eventwali konkors, li l-ezitu tieghu jista' biss jkun dina l-Onorabbli Qorti tawtorrizza l-Bank esponent jizbanka din is-somma, u dana minhabba l-kreditu ipotekarju pozzjuri tal-Bank.

Illi f'kaz li l-esponent jigi ordnat li jiddepozita l-imsemmija somma ta' Lm426,300 allura l-esponent jigi li jitlef l-uzu tal-imsemmija somma ta' flus.

Illi l-artikolu 1047(1) tal-Kodici Civili (Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi li: ''Il-hsara li tikkonsisti f'illi ttellef lil persuna l-uzu tal-flus taghha, tissewwa bil-hlas ta' l-imghaxijiet li jinqiesu bit-tmienja fil-mija fis-sena.''

Illi ghalhekk meta wiehed jqies il-konkors ta' kredituri generalment idum ghaddej mill-anqas tlett (3) snin qabel ma' jigi deciz allura l-Bank esponent jigi li jkollu

pretensjoni per via di danni kontra l- Kummissarju tat-Taxxa fuq il-
Valur Mizjud, Camray Contractors Limited, u Megaline (M&E) Limited ghal mill-anqas Lm102.312 (cioe' Lm426,300 x 8% = Lm34,104 imghaxijiet kull sena ghal 3 snin (3) = Lm102,312).

Illi l-artikolu 338(5) tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili (Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi illi: ''Il-qorti tista' f'kull zmien tordna lill-parti jew lill-partijiet li jkunu qed jaghmlu oppozizzjoni li jipprovdu garanzija xierqa f'dak l-ammont u f'dak iz-zmien li jigi stabbilit mill-qorti sabiex jizgura kull talba li r-rikorrent jista' jollu kontra dik il-parti li tkun qed taghmel oppozizzjoni ghal kull danni kkagunati minhabba dik l-oppozizzjoni. F'kaz li dik ll-garanzija ma tinghatax il-qorti ghandha taghti dawk l-ordnijiet li jidrulha xierqa maghduda ordni li kull garanzija diga' moghtija mir-rikorrent ghandha tinheles kollha kemm hi jew f'parti minnha.''

Ghaldaqstant il-Bank esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

a) a tenur tal-Artikolu 338(3) Organizzazjoni u Procedura Civili (kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta), wara li tisma' lill-partijiet, tapprova l-kompensazzjoni tal-Bank esponenti;

(b) stante li mill-fuq espost jirrizulta li l-oppozizzjoni maghmula hija frivola u vessorja a tenur tal-artikolu 338(4) tezenta lill-Bank esponenti mill-obbligu tal-garanzija hemm imsemmija u konsegwentement tawtorizza lill-Bank esponent sabiex tirtira l-garanzija Bankarja precitata li tinsab depozitata taht l-awtorita' ta' dina l-Onorabbli Qorti fl-att tac-cedola ta' kompensazzjoni u r-rikors ghall-approvazzjoni ta'tess fuq imsemmija;

(c) f'kas ta' ezitu sfavorevoli ghall-esenzjoni qabel imsemmija, dina l-Qorti tapprova l-istess kompensazzjoni wara li tkun accettat il-garanzija bankarja ga depozitata;

(d) u a tenur tal-Artikolu 338(5) tal-Kap.12 tordna lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, lill-Camray

Contractors Limited, lill-Megaline (M&E) Limited sabiex fi zmien qasir u perentorju jipprovdu garanzija fl-ammont ta' mill-anqas mija u elfejn, tlett mija u tnax 'il Lira Maltin (Lm102,312.00) u dana billi jiddepozitaw l-imsemmija somma taht l-Awtorita' ta' dina l-Onorabbli Qorti u dana sabiex jigi zgurat il-pretenzjoni li r-rikorrent jkollu kontra l-imsemmija Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, lill-Camray Contractors Limited u lil-Megaline (M&E) Limited li qed jaghmlu l-oppozizzjoni ghall-kompensazzjoni fuq imsmmija li qed titlob il-Bank esponent; u f'kaz li din il-garanzija ma tinghatax il-Qorti hija mitluba sabiex tawtorizza lill-esponent sabiex tawtorizza lill-esponent sabiex jirtira l-garanzija bankarja li ga ddepozita bil-ghan li jottjeni t-tpaccija minnu mitluba.

Rat ir- **risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud** a fol. 105 tal-process fejn issottometta:-

1. illi, l-ewwelnett u qabel kollox, l-esponent umilment jaghmel riferenza ghas-subinciz 7 ta' l-Artikolu 338 li jistipula li ''*kull ordni moghti mill-Qorti skond dan l-Artikolu minbarra kull decizjoni bis-sahha tas-subartikolu 6 ta' dan l-Artikolu jkun finali u ma ghandu jigi kontestat bl-ebda mod u ghandu jitwettaq minnufih''*

Fl-umili sottomissjoni ta' l-esponent, it-talba fir-Rikors promotur tas-socjeta' HSBC Bank Malta p.l.c. ghalhekk hija wada irrita, nulla u inamissibbli stante li l-imsemmi subinciz ma jippermettix li d-Digriet tat-22 ta' Lulju, 2004 fejn din l-Onorabbli Qorti Ordnat lis-socjeta' rikorrenti jekk jidirlha tipprocedi skond il-Ligi, jigi attakkat. Anzi l-imsemmi subinciz 7 ta' l-Artikolu 38 jistipula tassatttivament illi dak id-Digriet ''*ghandu jitwettaq minnufih''.*

2. illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-esponent ma jaqbel xejn ma' dak sottomess mis-socjeta' rikorrenti fis-sens illi l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud m'ghandux privilegg specjali galadarba dan ma rregistrax dan il-privilegg.

Huwa minnu li hemm decizjoni ta' arbitru fil-kawza fl-ismijiet fuq imsemmija. Huwa risaput pero' wkoll, illi l-istitut ta' *stare decesis* ma hux applikabbli fl-ordinament guridiku Malti u Qorti ma hijiex tenuta lanqas li hija ssegwi dak illi l-Qorti Superjuri tkun iddeciediet, ahseb u ara kemm hija tenuta illi ssegwi Decizjoni ta' l-Arbitru, b'kull rispett lejn l-Arbitru illi taha dik id-Decizjoni li jgawdi l-akbar stima u rispett mill-esponent.

3. illi effetivament ma setax kien illi l-legislatur patriju kellu fl-intendiment tieghu li jikkrea privilegg specjali fil-Ligi Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, biex imbaghad jigi ritenut illi dan il-privilegg ma jfisser xejn galadarba ma jigix registrat. Jigi umilment sottomess illi ma hemm l-ebda provvediment specifiku u procedura specifika u ma huwa kontemplat imkien illi l-Kummissarju esponent ghandu jirregistra tali privilegg, Huwa car, anki minn qari ta' l-Artikolu 2030 tal-Kodici Civili-Kap.16 tal-Ligijiet illi l-Artikolu 2029 (illi ghalih is-socjeta' rikorrenti tirrefieri) japplika biss fir-rigward tal-privileggi msemmija fil-Kodici Civili fl-Artikolu 2010 ma japplikax ghal privileggi ohra. Jigi puntwalizzat ukoll, illi l-Atti Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud -Kap. 406 tal-Ligijiet - hija Ligi posterjuri u specifika u ghalhekk la *lex posterior derogat priori* u *ius specialis derogat genaralis* u la l-legislatur fil-ligi posterjuri u specifika ma specifikax illi tali privilegg kellu jigi registrat biex ikun validu, jista' jigi dedott <u>biss</u> illi tali privilegg johrog *ipso iure* hekk kif is-somma tkun dovuta lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Kwalsiasi interpretazzjoni ohra twassal propju ghall-isfaxxar tas-sistema kollu tal-privilegg fuq tali taxxa illi ssir dovuta u taghmel it-thaddim tas-sistema tal-privilegg impossibbli.

Illi f'kaz illi l-ewwel eccezzjoni ma tigix milqugha u Din l-Onorabbli Qorti Tkun Trid Tisma dwar dan, l-esponent jixtieq jinghata l-opportunita' li jitratta ulterjorment waqt it-trattazjoni tal-kawza.

4 Illi fir-rigward ta' l-argunent illi s-socjeta' rikorrenti tat garanzija ta' mitt elf Liri Maltin (Lm100,000.000) allura ghandha ssir approvazzjoni, naturalment l-esponent ma ghandu ebda nteres illi jwaqqaf lis-socjeta' rikorrenti milli

tesperixxi d-drittijiet taghha sakemm dawk ma jwasslux biex ir-rikorrent jitlef tieghu. L-esponent pero' jirrileva illi anke mir-ricerki pprezentati mill-istess socjeta' rikorrenti, jirrizulta illi hemm kredituri ohra olte r-rikorrenti, l-esponent u s-socjetajiet Camray Contractors Limited u Megaline (M & E) Limited imsemmijin fir-Rikors u ghalhekk jekk isir Konkors ta' Kredituri u dawn il-kredituri jikkonkorru fl-atti ta' dak il-Konkors a tenur ta' l-Artikolu 416 tal-Kap.12 tal-Ligijiet jista' jkun illi l-garanzija ta' mitt elf Liri Maltin (Lm100,000.000) moghtija mis-socjeta rikorrenti ma tkunx bizzejjed biex tissodisfa l-krediti tal-kredituri imsemmija fir-Rikors odjern u tal-kredturi li jirrizultaw mir-ricerki.

5. illi subordinatament minghajr ebda pregudizzju, fir-rigward ghat-talba ghall-garanzija lill-esponent a tenur ghas-subinciz 338(5), l-esponent jaghmel referenza ghall-Artikolu 905 tal-Kap.12 tal-Ligijiet tilli jistipula l-Gvern ta' Malta huwa ezenti milli jaghti garanziji u ghalhekk fil-konfront ta' l-esponent din hija talba irrita u inamissibbli.

Ghar-ragunijiet suesposti, l-esponent umilment jissottometti illi r-Rikors tas-socjeta' HSBC Bank Malta p.l.c ghandu jigi michud, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' rikorrenti.

Rat ir-**Risposta ta' Camray Contractors Limited (C9752) u Megaline (M & E) Limited (C 21366)** a fol. 109 tal-process fejn issotomettew:

<u>Il-Fatti</u>

1. Illi fil-bejgh tal-irkant mizmum nhar id-29 ta' Janar 2004, l-HSBC Bank (Malta) p.l.c. (''HSBC'') xtrat animo compensandi bil-prezz ta' Lm426,300, il-kumpless ta' bini minghajr numru ufficjali li jgib l-isem ta' ''JM Buildings'' li jinsab f'Naxxar Road, Birkirkara.

2. Illi permezz ta' nota prezentata fit-23 ta' Jannar 2004. Is-socjeta' Camray Contractors Limited ('Camray'), filwaqt li ppremettiet li ghandha kreditu privileggjat ta' Lm45,039 rizultanti min-nota ta' iskrizzjoni ta' privilegg registrata fir-Registru Pubbliku taht il-volum ''I'' b'numru

18086/2002 opponiet li l-HSBC jaghmel offerti animo compensandi.

3. Illi permezz ta' nota prezentata fit-23 ta' Jannar 2004. Is-socjeta' Megaline (M&E) Limited (''Megaline''), filwaqt illi ppremettiet illi ghandha kreditu privileggjat ta' Lm6,549 rizulltanti min-nota ta' iskrizzjoni ta' privilegg taht il-volum ''I'' bin-numru 19019/2002, opponiet li l-HSBC jaghmel offerti animo compensandi.

4. Illi kuntrajament ghal dak li qieghed jghid il-Bank rikorrenti fit-tielet paragrafu tar-rikors tieghu, din l-oppozizzjoni giet debitament notifikata lil Bank u dan kif jidher minn Dokumenti ''C'' u ''D'' annessi ma' l-istess rikors tal-Bank fejn jidher car it-timbru tal-Bank li jindika li l-Bank ircieva n-noti in kwistjoni ft-30 ta' Jannar 2004. In oltre ir-riferti fil-process tas-subbasta fir-Registru tal-Qorti wkoll jindikaw illi fil-fatt l-HSBC giet debitament notifikata bl-opposizzjonijiet kemm ta' Camray u ta' Megaline.

5. Illi fl-20 ta' Frar 2004, l-HSBC ipprezenta cedola sabiex jikkompensa l-ammont fuq imsemmi u kontestwalment l-bank rikorrent ipprezenta rikors ghall-approvazzjoni ta' l-istess.

6. Illi l-HSBC iddepositata, ukoll permezz ta' l-istess cedola, garanzija bankarja ghas-somma ta' Lm100,000, skond il-Bank rikorrent, somma bizzejjed sabiex taghmel tajjeb il-pretensjonijiet ta' kull min oppona ghall-offerta' tal-Bank sabiex jixtri animo compensandi u dan ai termini ta' l-artikou 338(4) tal-Kap. 386.

7. Illi fid-9 ta' Gunju 2004, is-socjeta' Camray ipprezentat rikors sabiex jew jigi zbankat favur taghha l-ammont ta' Lm45,039 mill-Lm100,000 hekk depozitati jew tinbeda l-procedura tal-konkors.

8. Illi fit-28 ta'Gunju 2004, l-HSBC irrispondiet ghal dan ir-rikors u sostniet illi t-talbiet ta' Camray ghandhom jigu michuda.

9. Illi b'digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, fis-7 ta' Lulju 2004, Camray giet ordnata sabiex jekk jidrilha tipprociedi skond il-ligi.

10. Illi s-socjetajiet esponenti ma ghandhom ebda hjiel ta' xi digriet iehor li nghata fit-22 ta' Lulju 2004 imsemmi fit-tielet paragrafu tar-rikors ta' l-HSBC. In oltre, il-Bank, fuq ordni ta' din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, gie nnotifikat bir-rikors ta'Camray tad-9 ta' Gunju tant hu hekk li l-istess Bank irrisponda bl-opposizzjoni tieghu.

11. Illi fil-31 ta' Awissu 2004, l-HSBC ipprezentat ir-rikors odjern fejn talbet inter alia lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tapprova l-kompensazzjoni tal-HSBC u dan a tenur ta' l-artikolu 338(3) tal-Kap.12.

12. Illi b'digriet fl-10 ta' Settembru 2004, din l-Onorabbli ddegretat ir-rikors odjern u tat lill-kontropartijiet zmien sad-data tas-smiegh ghar-risposta.

<u>It-tpacija ta' l-HSBC tipppregudika liz-zewgt esponenti</u>

13. Illi kif jidher mir-ricerki li l-Bank rikorrent anetta mar-rikors principali, il-kreditu tal-Bank huwa munit bi privileggi u ipoteki specjali li b'kollox jammontaw ghas-somma ta' Lm1,576,226.

14. Illi mill-istess ricerki jirrizulta illi l-Bank ghandu kreditu ta' Lm405,000 munit bi privileggi numri 9437, 9438, 9439, u 9440 li gew registrati fil-25 ta' Gunju 2002.

15. Illi s-socjeta' Polidano Brothers Limited irregistrat previlegg fuq is-somma ta' Lm133,146 fit-18 ta' Novembru 2002, Vella Aluminium Ltd irregistrat privilegg ta' Lm27,000 fit-22 ta' Novembru 2002, il-Perit Ivan Coleiro irregistra l-privilegg ta' Lm2,500 fit-22 ta' Novembru 2002 u John Bonello irregistra privilegg ta' Lm6,000 fis-27 ta' Novembru 2002. Dawn il-krediti skond in-noti ta' l-iskrizzjoni tal-privileggi relattivi, jirraprezentaw diversi xogholijiet li saru fuq il-propjeta' subbastata li b'kollox jammontaw ghall-Lm168,646.

16. Illi Camray irregistrat privilegg tas-somma lilha dovuta fl-ammont ta’ Lm45,039 fid-29 ta’ Novembru 2002 filwaqt ili Megaline irregistrat privilegg ghas-somma ta’ Lm6,549 fit-18 ta’ Dicembru 2002. Illi b’kollox il-pretenzjoni ta’ Camray u Megaline tamnmonta ghall-LM51,588.

17. Illi l-propjeta’ mixtrija mill-Bank rikorrenti animo compensandi hija milquta bi krediti privileggjati li b’kollox jammontaw ghas-somma komplessiva ta’ Lm625,234.

18. Illi jekk din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza t-tpaccija mitluba mill-Bank rikorrenti, il-pretensjoni taz-zewg socjetajiet esponenti ser tkun pregudikata serjament u dan kif ser jigi spjegat.

19. Illi ai termini ta’ l-artikolu 2010(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta

‘’il-kredituri previleggjati fuq l-immobli huma l-arkitetti, l-appaltaturi, il-bennejja u haddiema ohra fuq l-immobli mibni jew mibni mill-gdid jew imsewwi, ghall-kreditu ta’ l-ispejjez u ta’ xogholhom, l-istess privilegg imiss lil dak li, b’att pubbliku, ikun hareg flus jew materjali ghall-bini jew bini mill-gdid, jew ghat-tiswija tal-immobli, inkella ghall-hlas tal-haddiema mqabbdin f’dak ix-xoghol, basta li jkun jidher mill-att hawn fuq imsemmi illi l-hrug ta’ flus jew ta’ materjali sar ghal dawk il-hwejjeg, u jigi ppruvat illi x-xoghol jew il-hlas tal-haddiema sar bil-materjali jew bil-flus hekk mahruga.’’

20. Illi ai termini ta’ l-artikolu 2094 tal-Kap.16 dawk il-privileggi li huma fi grad wiehed jithallsu pro rata.

21. Illi kull individwu jew socjeta’ li rregistrat privilegg fuq is-somma lilha jew lilu dovuta, kif spjegat aktar qabel, jaqghu fil-parametri ta’ l-artikolu 2010(b) u kwindi stante li huma fi grad ndaqs, dawn ghandhom jithallsu pro rata.

22. Illi jekk wiehed ihares biss lejn il-krediti privileggjjati u ghal mument jitwarrbu dawk ipotekarji, stante illi l-iipoteki ser jiggradwaw wara l-privileggi jidher illi t-tpacija ta’ Lm426,300, il-Bank rikorrenti ser jigi preferut u mhallas qabel kredituri ohra, liema kredituri jiggradwaw fl-istess livell mal-Bank ghall-pretensjonijiet privileggjati taghhom.

23. Huwa minnu illi l-Bank iddepozita anke Lm100,000 sabiex jaghmel tajjeb skond l-artikolu 338(4) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta ghall-pretensjonijiet ta’ kull min iprezenta l-opposizzjoni tieghu, izdaghalkemm dawn il-Lm100,000 ikopru li kull min ghael l-opposizzjoni tieghu skond l-artikolu 338(4) tal-Kap.12, dawn ma jkoprux lil kull min ghandu nteress li eventwalment jikkonkorri skond l-artikolu 338(6) tal-Kap.12.

24 Ili semmai jekk il-Bank rikorrenti ghandu jithalla jpaci, dan ghandu jithalla biss li jpaci dik il-parti pro rata li li tmiss lilu jekk fil-kaz li jikkonkorri kull min jista’ jkollu nteress.

25. Illi l-Bank ghandu proporzjon ta’ cirka 65 fil-mija mill-ammonti kollha li hemm muniti bi privileggi- il-bqija tal-35 fil-mija huma persentaggi maqsuma bejn id-diversi kredituri li rregistraw privilegg f’isimhom.

26. Illi ghaldaqstant il-Bank ghandu semmai jithalla jpaci biss 65% ta’ Lm426,300 u cioe’ biss sa Lm277,095 - jekk kemm – il darba il-Bank rikorrent ser jithalla jpaci l-ammont globali ta’ Lm426,300 ser ikun qed jippregudika l-kredituri l-ohra, fosthom l-esponenti, li wkoll ghandhom dritt daqs il-Bank li jithallsu pro rata mill-assi tas-socjeta’ debitrici.

27. Illi ma hemm ebda raguni valida ghaliex il-Bank ghandu jippregradwa lill-esponenti u jithallas Lm426,300 mis-somma dovuta lilu u mbaghad jerga’ jikkonkorri ma’ l-esponenti u kredituri ohra fuq is-somma ta’ Lm100,000 depozitata mill-istess Bank.

28. Illi l-ammont ta’ Lm426,300, rapprezentanti l-unika assi tas-socjeta’ debitrici, li fuqhom l-esponenti ghandhom privilegg daqs il-Bank rikorrenti, huma flejjes li jippartjenu lill-kredituri li rregistraw privilegg pari passu u ghaldaqstant l-oggezzjoni ta’ l-esponenti li l-Bank jiggradwa qabilhom fuq flus li fuqhom huma ghandhom dritt indaqs;

29. Illi ghar-ragunijiet premessi t-talba tal-Bank rikorrenti illi din l-Onorabbli Qorti tapprova l-kompensazzjoni ghandi tigi michuda, jew semmai milqugha biss parzjalment ghas-sehem perivileggjati tal-Bank mir-rikavat.

<u>L-allegata novazzjoni</u>

30. Illi r-rikorrent jallega illi sew Camray kif ukoll Megaline m’ghadhomx kredituri tas-socjeta’ JM Group Limited stante illli l-esponenti accettaw novazzjoni tal-kreditu taghhom kontra JM Group Limited bi kreditu gdid kontra JM Supplies Limited.

31. Illi fl-ewwel lok l-esponenti ghandhom privilegg registrat favur taghhom skond il-ligi u sakemm allura dan huwa l-kaz, dina l-Onorabbli Qorti trid tiehu konjizzjoni tieghu indipendentement minn u nonstante kwalunkwe allegazzjoni nfondata tal-Bank li jekk joghgbu ghandu semmai jattakka l-validita tieghu f’sede ohra u mhux f’din l-istanza.

32. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, fuq il-mertu ta’ l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti, l-esponenti jsostnu illi ma kien hemm ebda novazzjoni nvoluta u illi JM Group Limited ghadha debitrici taz-zewg esponenti.

33. Illi n-novazzjoni hija deskritta minn Torrente b’dan il-mod:

‘’La novazione... e un contratto con il quale i soggetti di un rapporto obligatorio sostituiscono un nuovo rapporto a quello originario.’’.

34. Illi l-Bank rikorrenti jallega illi kien hemm novazioni stante illi id-debitur il-gdid (JM Supplies Limited) gie mqieghed flok il-qadim (JM Group Limited) u illi dan ta' l-ahhar gie mehlus mill-kreditur.

35. Illi l-esponenti qatt ma rrilaxxaw lil JM Group Limited mill-obbligi taghha u d-dokumenti ''F'' u ''G'' annessi mar-rikors principali b'ebda mod ma jevedenzjaw xi tip ta' qbil bejn l-esponenti u JM Group Limited illi fil-fatt id-debitur il-gdid kellha tkun JM Supplies Limited, filwaqt li JM Group Limited tigi mehlusa.

36. Illi z-zewg dokumenti prezentati juru biss ittra dikjaratorja da parti ta' JM Group Limited fejn jinghad f'ittra lil Camray datata 15 ta' Gunju 2001 jinghad dan li gej:

''it is being agreed that Camray Ltd shall have no claims of whatsoever nature against JM Group Ltd and shall direct any claims related to non-payment, should this arise, directly and solely with JM Supplies Co. Ltd. It is hence understood that JM Group Limited has no obbligations whatsoever to pay Camray Contractors Ltd for the works dated 4th June 2001.''

37. Illi fl-ittra datata 22 ta' Mejju 2001 lil Megaline jinghad b'mod simili illi

''it is being agreed that Megaline (M&E) Limited shall have no claims of whatsoever nature against JM Group Ltd and shall direct any claims related to non-payment, should this arise, directly and solely with JM Supplies Co. Ltd.''.

38. Illi dawn iz-zewg dokumenti huma ittri dikjaratorji ffirmati fuq letterhead ta' JM Group Limited u b'ebda mod u manjiera ma huma ffirmati jew mod iehor accettati la miz-zewg esponenti u wisq anqas minn JM Supplies Limited u kwindi ma jistghux jigu kklassifikati bhala ekwivalenti ghal novazzjoni.

39. Illi l-artikolu 1180(2) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid illi

‘’It-tismija wahidha, maghmula mid-debitur ta’ persuna li ghandha tithallas minfloku, ma ggibx in-novazzjoni.’’

In olte, artikolu 1183 tal-Kap.16 jistipula illi

‘’id-delagazzjoni li biha d-debitur jaghti lill-kreditur tieghu debitur iehor, ili jintrabat lejn dan il-kreditur, ma ggibx in-novazzjoni, jekk il-kreditur ma jkunx iddikjara espressament il-volonta’ tieghu li jehles lid-debitur li jkun ghamel id-delagazzjoni.’’

40. Illi dawn il-principji gew ikkwotati fil-kawzi fl-ismijiet Anthony v. Mario Hallet pro et nomine liema sentenza kkonfermat dak li kien intqal qabel f’Carmelo Farrugia v. Annetta Galea et. Aktar recentement fil-kawza Franco Busuttil noe v. Anthony Mallia l-istess Qorti qalet li:

‘’illi skond il-ligi (artikolu 1180(2) Kodici Civili, Kap.16) in-novazzjoni qatt ma tista’ tkun prezunta. Ghall-kuntrarju l-intenzjoni li ssir novazzjoni ghandha tirrizulta bic-car ghallkemm ma hemmx bzonn li jintuzaw kliem jew formoli specjali. Hemm ukoll li jkun hemm inkompatibilita’ bejn iz-zewgt obbligazzjonijiet u fid-dubju n-novazzjoni ghandha tigi eskluza.’’

L-istess sostniet il-Prim Awla tal-Qorti Civili f’sentenza aktar ricenti fl-ismijiet Vincent Buhagiar noe v. Dr Noel Arrigo et noe et noe u cioe: ‘’in-novazzjoni hi di stretto diritto, ma tisttax tigi prezunta, imma trid tirrizulta kjarament madankollu l-ligi ma tinhtiegx xi kliem solenni sabiex din issehh, basta li l-volonta’ li ssehh in-novazzjoni tkun tirrizulta mill-fatt jew kliem tal-partijiet. In-novazzjoni ma hi qatt prezunta, u fid-dubju ghandha tkun eskluza. L-animus novandi jekk ma jkunx espress, irid jirrizulta b’mod car u univoku.’’

41. L-esponenti jghidu illi filfatt huma ma acettaw qatt illi jezoneraw lil JM Group Limited mill-obbligu ta’ hlas u l-ittra ta’ JM Group Limited lil Camray u lil Megaline ma hix prova bizzejjed sabiex turi xi qbil da parti ta’ l-esponenti

illi filfatt JM Group Limited ma kellha l-ebda obbligu ta' hlas fil-konfront ta' l-esponenti.

42. Illi l-ftehim tat-12 ta' Lulju 2000 li jinsab imsemmi f' Dokumenti ''G'' u ''F'' u illi kopja ta' dan il-ftehim qed tigi annessa ma' din ir-risposta u mmarkata Dokument ''LdG1'', ghal darb'ohra ma jikkostitwix novazzjoni kif tehtieg il-ligi. Dan ghaliex primarjament l-anness dokument ma kienx intiz bhala novazzjoni izda biss bhala rikonoxximent ta' debitu favur Camray b'kambjamenti fil-modolitajiet ta' pagament u dan kif jidher b'mod l-aktar lampanti mill-anness dokument u ukoll sussidjarjament ghaliex l-anness dokument ma jirrapprezenta b'ebda mod il-kunsens ta' JM Supplies Limited u kwindi rekwizit essenzjali sabiex ikun hemm novazzjoni, u cioe' debitur il-kunsens tad-debitur il-gdid, jidher bic-car li huwa mankanti.

43. Illi minghajr pregudizzju ghall-argumemt precedenti u cioe illi ma kien hemm ebda novazjoni la filfatt u lanqas kif mehtieg skond il-ligi, jinghad illi kwistjoni tan-novazzjoni hija superfluwa u rrelevanti fil-kuntest tal-privilegg de quo stante li l-privilegg registrat kemm minn Camray u kemm minn Megaline ghas-somom lilhom dovuti rapprezentanti xoghol ta' kostruzzjoni fuq il-propjeta' subbasta huwa privilegg li jissussisti fuq il-propjeta' f'Naxxar Road, Birkirkara u li bhala ius in rem huwa marbut, mal-propjeta' indipendentement minn min ghandu l-obbligu tal-hlas ghas-somma koperta bil-privilegg in kwistjoni.

44. Illi ghaldaqstant anke jekk din l-Onorabbli Qorti jogghobha ssib illi filfatt hemm novazzjoni il-privilegg fuq il-propjeta' jissussisti fuq l-istess propjeta' u dan ma jigix affetwat jekk il-pagament ghandu jsir minn terz.

45. Illi ghalhekkk fil-privilegg registrat kemm minn Camray kif ukoll minn Megaline jaghti l-possibilta' liz-zewgt esponenti sabiex jiggradwaw flimkien mal-Bank u jithallsu pro rata mill-fondi disponibbli.

46. Illi fid-dawl ta' dan kollu huwa car illi l-oppozizzjoni ta' Camray u ta' Megaline ghat-tpacija u kompensazzjoni

tal-Bank hija flokha u mehtiega u bl-ebda mod ma tista' titqies ''frivola jew vessatorja,'' anki jekk il-Bank jixtieq mod iehor.

47. Illi ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha thalli in vigore anke l-garanzija ta' Lm100,000 li ddepozita l-Bank rikorrent u dan ghaliex m'hemmx l-elementi mehtiega mill-artikolu 338(4) tal-Kap.12 sabiex filfatt il-Bank rikorrent jigi ezentat.

48. Illi di piu, it-talba tal-Bank rikorrent sabiex Camray u Megaline jiddepozitaw is-somma ga kwalifikata mill-Bank ta' Lm102,312 m' ghandhiex tintlaqa' minn din l-Onorabbli Qorti stante l-bank rikorrenti mhu qieghed jinkorri ebda danni bl-oppozizzjoni ta' l-esponenti. In oltre l-esponenti xorta jsibu diffikulta jifmhu kif il-Bank rikorrenti qabad u ddecieda illi l-kawza bhal din odjerna ser ittul tliet snin. La l-Bank rikorrenti u lanqas hadd m'hu fil-pozizzjoni, fi stadju daqshekk bikri ta' dawn il-proceduri, li jistma kemm ser iddum din il-kawza jew kwalunkwe proceduri ohra ta' konkors li jistghu jinbdew. Sussidjarjament, minbarra l-argumenti legali fuq il-kwistjoni, jinghad mill-esponenti illi bl-oppozizzjoni taghhom iz-zewgt esponenti qieghdin biss jutilizzaw il-mezzi kollha moghtija mill-ligi sabiex jipprotegu dak li huwa dovut lilhom. Fil-kuntest tal-proceduri odjerni, t-talba tal-Bank ghad-depozitu ta' 'l fuq minn mitt elf lira Maltin hija wahda vessatorja maghmula unikament sabiex taqta' qalb iz-zewgt esponenti li jekk iridu jkomplu jirsistu ghal dak li hu dovut lilhom skond il-ligi, ghandhom ihallsu is-somma ta' kwazi d-doppju tal-pretensjoni taghhom. Huwa ben car illi l-esponenti qed jaghmlu dak kollu possibbli sabiex jirkupraw Lm51,588 u sabiex jaghmlu dan, il-bank qieghed jipprova jikkostringihom ihallsu garanzija sostanzjali, apparti li qieghdin jinkorru wkoll spejjez legali. Ma hux possibbli u wisq anqas ekkwu fic-cirkostanzi illi zewg kumpaniji li m'humiex ovvjament Bank b'rizorsi finanzjarji sostanzjali bhal ma' huma dawk ta' Bank internazzjonali bhal ma' huwa l-HSBC jigu mgieghelha jhallsu tali somma ezorbitanti meta l-Bank rikorrenti jaf ben tajjeb illi tali talba hija ntiza biss sabiex

taqta' qalb il-kreditur zghir meta mqabbel ma' Bank bhal dak rikorrenti.

Konkluzjoni

49. Ghaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, l-esponenti umilment jissottomettu illi

(a) t-talba tal-Bank sabiex tigi approvata l-kompensazzjoni ghandha tigi michuda stante illi tali kompensazzjoni tippregudika liz-zewgt esponenti kif gie ampjament spjegat;

(b) l-garanzija ta' Lm100,000 ghandha tinzamm ai termini ta' l-artikolu 338(4);

(c) t-talba ghall-garanzija da parti taz-zewgt esponenti li ntavolaw l-oppozizzjoni taghhom ghandha tigi michuda stante illi tali talba hija nfondata ghaliex il-Bank rikorrenti mhux qieghed isoffri danni u in oltre ghaliex fic-cirkostanzi, tali talba hija ngusta u ntiza biss biex tghakkes u taqta' qalb l-esponenti li jippersistu fit-talbiet taghhom.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

## KONSIDERAZZJONIJIET

### Inamissibilita' tat-talba

L-intimat Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud irrisponda li preliminarjament skond is-subinciz 7 ta' l-Artikolu 338 tal-Kap 12 ''*kull ordni moghti mill-Qorti skond dan l-Artikolu minbarra kull decizjoni bis-sahha tas-subartikolu 6 ta' dan l-Artikolu jkun finali u ma ghandu jigi kontestat bl-ebda mod u ghandu jitwettaq minnufih'* ghalhekk it-talba fir-rikors promotur tas-socjeta' HSBC Bank Malta p.l.c. hija wahda irrita, nulla u inamissibbli

stante li l-imsemmi subinciz ma jippermettix li d-digriet tat-22 ta' Lulju, 2004 fejn din l-Onorabbli Qorti ordnat lis-socjeta' rikorrenti jekk jidirlha tipprociedi skond il-Ligi, jigi attakkat.

Illi skond is-subinciz (3) ta' l-istess artikolu hemm provdut li meta jkun hemm risposta (i) li topponi t-talba ghall-approvazzjoni maghmula skond is-subartikolu(2) il-Qorti ghandha taghti lir-rikorrent tlett ijiem zmien biex jipprezenta risposta … u wara li tisma' lill partijiet sommarjament, hija ghandha taghti dawk l-ordnijiet li jidhrulha xieraq fic-cirkostanzi.

Issa illi f'dana l-kaz billi ma gietx segwita l-procedura indikata f'dana l-artikolu r-rikorrenti ipprezentaw il-proceduri odjerni biex dina l-Qorti terga tikkunsidra l-artikolu 338 u tara jekk tapprovax il-kompensazzjoni mitlub mill-Bank. Il-Qorti hi tal-fehma li r-rikors odjern tas-socjeta' rikorrenti huwa proceduralment korrett billi l-partijiet kellhom jinstemghu sommarjament qabel ma l-Qorti ddecidiet kif attwalment iddecidiet.

**Privilegg specjali**

L-intimat Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fir-risposta tieghu jirritjeni wkoll li hu ma jaqbilx ma' dak sottomess mis-socjeta' rikorrenti fis-sens illi l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud m'ghandux privilegg specjali galadarba huwa ma rregistrax dan il-privilegg. Hu ma jaqbilx mad-decizjoni ta' l-arbitru billi ma hemm kontemplat imkien li l-Kummissarju ghandu jirregistra tali privilegg li l-legislatur ikkrea fil-Ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Skond l-intimat mill-qari ta' l-artikolu 2030 tal-Kap 16 l-artikolu 2029 japplika biss fir-rigward tal-privileggi imsemmija fl-artikolu 2010 u ma japplikax ghall-privileggi ohra. L-Att dwar it-taxxa fuq il-Valur Mizjud hija ligi posterjuri u specjali u ghalhekk ghandha tipprevali fuq il-ligi generali.

Illi t-talba tar-rikorrenti fil-procedura prezenti hija intiza biss biex dina l-Qorti tapprova l-kompensazzjoni tal-bank

minghajr il-bzonn li l-bank jiddepozita l-ammont ta' Lm426,300 li permezz tieghu l-bank xtara animo compensandi il-kumpless in kwistjoni. Dwar il-kontestazzjoni tal-intimat Kummissarju li huwa ma tilifx il-privilegg li ghandu skond il-ligi Kap 406, il-Qorti tirrileva li dan il-punt diga giex deciz meta l-partijiet issottomettew il-kwistjoni ghal arbitration u l-partijiet kienu kontrattwalment ftehemu li "the parties agree that the decision of the arbitrator shall be final and binding and that no appeal shall lie from the award" (fol 3 tal-lodo). Mhux il-kompitu ta' dina l-Qorti f'dan l-istadju li tiddeciedi jekk dan il-lodo kienx korrett jew le. It-talba tar-rikorrent f'dawn il-proceduri hija biss li l-bank ma jiddepozitax l-ammont ta' Lm426,300. Jigi rilevat li kwantu ghal kontestazzjoni tal-intimat l-bank diga ghamel garanzija ta' Lm100,000 biex jekk eventwalment il-Kummissarju jigi li ghandu privilegg, l-ammont minnu mitlub jibqa' garantit.

**Garanzija tal-bank ta' Lm100,000**

Il-bank rikorrent iddepozita s-somma ta' Lm100,000 bhala garanzija bankarja biex taghmel tajjeb ghall kredituri fis-subbasta. Ir-rikorrenti ipprezentaw ukoll nota ta' kancellament a fol 138 Nru 1016/2005 li permezz taghha l-privilegg registrat minn Polidano Brothers Ltd I 17314/2002 gie kancellat, u ghalhekk illum l-ammont totali li jista' jkun dovut lill kredituri privileggjati ghandu jitnaqqas bl-ammont ta' Lm133,146. Dina l-garanzija ghalhekk ghandha taghmel tajjeb ammont totali ta' capital u interess li jkun dovut lill kredituri liema ammont ma jeccediex il Lm100,000 (ara dok a fol 133).

**Novazzjoni**

L-intimati socjetajiet Camray Contractors Ltd u Megaline (M&E) qed jippretendu li l-bank rikorrent jiddepozita is-somma ta' Lm426,300 biex taghmel tajjeb ghall pretensjoni taghhom li f'daqqa ma tlahhaqx ghal izjed minn Lm52,000.

Jirrizulta mid-dokumenti ezibiti mir-rikorrenti Dok F a fol 97 u Dok G a fol 100 li s-socjetajiet intimati ghamlu ftehim mal-kumpanija debitrici JM Group Ltd biex issir novazzjoni tal-kreditu taghhom kontra JM Group Ltd billi accettaw kreditu gdid kontra JM Supplies Co Ltd. L-intimati accettaw pagament akkont tal-kreditu taghhom mis-socjeta' JM Group Ltd bil-kundizzjoni li l-kumplament tal-kreditu jithallas mis-socejta' JM Supplies Co Ltd. (ara Dok LDG1 a fol 121). Minn dana l-ahhjar dokument jirrizulta car li l-intimati accettaw dina n-novazzjoni u ffirmaw ghaliha u ftehemu kif kellu jsir il-pagament. Il-kreditu llum hu dovut minn JM Supplies Co Ltd u mhux minn JM Group Ltd. Ladarba saret dina n-novazzjoni s-socjetatjiet intimati messhom ikkancellaw dawn il-privileggi.

**Konkluzzjoni u decizjoni.**

Il-Qorti hi tal-fehma li f'dan il-kaz sa issa ma tistax' tiddikjara definittivament li l-opposizzjoni li saret kienet frivola u vessatorja ghalhekk il-garanzija mahruga mill-bank ghandha tibqa' in vigore biex taghmel tajjeb ghall krediti li jista' jkun hemm, u fl-istess hin tapprova l-kompensazzjoni mitluba mill-bank minghajr il-htiega li jsir depozitu ta' Lm426,300. Ir-raba' talba tar-rikorrenti ghalhekk qed tigi michuda.

Spejjes riservati ghad-decizjoni finali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------